XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 440***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 68***
***30 ta' April 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Joseph Vella - V/Sindku*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Dr Marthese Portelli - Kunsilliera*

*Skuzat:- Hubert Saliba - Kunsillier*

---------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

1. **Audit 2012**

   Is-Segretarju Ezekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li din l-laqgħa qed issir b'urġenza għaliex skont il-Memo 121/2011 il-Financial Statements jgħalqu fit-2 ta' Mejju 2011. Is-Segretarju Ezekuttiv iddikjarat li l-Awdituri maħtura għall-Kunsill Lokali tax-Xewkija ma bagħtux id-dokumenti meħtieġa u għalhekk il-Kunsill ma setax japprova l-Financial Statements peress li kien sprovist minnhom. Hawnhekk is-Sindku ordnat lis-Segretarju Ezekuttiv biex tinforma lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali u tinfurmah b'dan kollu għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

2. **Fiori d'Argenta 15, 16, 17 ta' Gunju 2012**

   Is-Sindku nfurmat li l-Festival ta' l-Armar qed jieħdu ħsieb Donald Camilleri u Anthony Buhagiar. Huma iltaqgħu mas-Sindku fejn giet ippreparata ittra li ntbagħatet lil kull raħal li għandu Għaqda ta' l-Armar f'Malta u Ghawdex.

   Is-Sindku kellmet lil Sur George Mizzi rigward il-musical ta' Mary Poppins biex jieħdu sehem it-tfal ta' l-iskola Primarja ta' x-Xewkija fis-serata tal-Gimgha. Is-Sindku nfurmat ukoll li hi kien ser ikollha laqgħa mal-World Marketing fil-

gimgħa li gejja rigward it-Torta tal-Bajtar ta' San Ġwann. Is-Sindku nfurmat ukoll li kif diskuss fil-laqgħa precedenti hija għamlet l-kuntatti u preparamenti meħtiega biex ikun hemm live performance mill-grupp popolari D.R.E.A.M.S, li ser issir fis-serata tas-Sibt. Il-Kunsillier Joseph Vella qiegħed jagħmel kuntatt mal-MEUSAC biex ikun hemm stand edukattiva dwar ix-xogħol tal-MEUSAC. Is-Sindku staqsiet jekk xi ħadd mill-Kunsilliera kienx lest jikoordina l-Farmers' Market. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li ser jieħu ħsieb li javviċina bdiewa minħabba il-Farmers' Market. Is-Sindku nfurmat li l-Ħadd filgħodu ser ikun hemm id-defile taz-Zwiemel. Filwaqt li qed issiru kuntatti oħra għal aktar attivitajiet għall-Hadd filghodu fosthom wirja ta' Falkuni u Sahhtek l-Ewwel fejn ser jigu offruti diversi testijiet medici b'xejn lill-Pubbliku. Il-Kunsilliera Marthese Portelli issugerit li isir reklam fuq facebook bi ħlas. Il-Kunsill qabel li flok reklam bi ħlas isir pagna fuq facebook specifikatament dwar il-Fiori d'Argenta.

Is-Sindku nfurmat li matul it-tlett ijiem ser ikun hemm diversi wirjiet, Kids' Fair, diversi gruppi ta' folk, wirja dwar is-sejbiet li saru fil-park Regionali ta' Mgarr ix-Xini kif ukoll il-Gimgħa filgħaxija ser ikun hemm ikla tradizzjonali u bike show, is-Sibt filghaxija ser ikun hemm produzzjoni imtella' mill-Għaqda Drammatika Xewkija. Gew ikkuntattjati ukoll is-Sedqa u l-Consumer Affaris biex jieħdu sehem biex nedukaw aktar il-Pubbliku.

Il-Kunsill idecida li tintbghat reminder lill-Ghaqdiet kollha tar-Rahal biex kull minn jixtieq jgħamel xi attivita' fil-Fiori d'Argenta iressaq is-suggerimenti tiegħu.

**3. Testijiet fuq it-toroq il-Ġodda**

Il-Kunsill ħatar lil Perit Saliba biex jagħmel testijiet u jieħu samples tat-tarmak fit-toroq godda li saru ricentament. Il-Perit Saliba kien prezenti għall-laqgha tal-Kunsill u qal li t-testijiet kienu saru u huma aċċettabli. Is-samples ġew ezaminati mill-Kumpanija Solid Base.

**4. Jum l-Omm**

Il-Sindku qalet lis-segretarju biex tkellem lis-Surmast ta' l-iskola ta' l-MCAST biex terga' tiġi organizzata attivita' simili bhal ta' Jum il-mara mal-istudenti tal-iskola, peress li din kienet intlaqet tajjeb hafna kemm minn dawk li attendaw kif ukoll mill-MCAST stess minhabba li attivita' bhal din izzid l-esperjenza tal-istudenti kif ukoll tgħinhom izidu l-marki tagħhom fl-ezamijiet.

**5. Jum il-Familja**

Jum il-Familja jahbat fil-15 ta'Mejju. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata apprezzament lill-familja mix-Xewkija, il-Familja Xuereb li din is-sena rebħet il-Premju Familja Qalb tad-Deheb.

## 6. Il-Kiosks tal-Festa

Il-Kunsill ircieva ittra minghand Rodrick Vella rigward l-istand tat-toys tal-festa. Il-Kunsill iddecieda li l-kiosks tat-toys għandhom jitharku fi Triq San Bert minflokk fi Triq Guze D'Amato peress li dawn ma jkollhomx zjut tal-ikel u ma ibieghux ikel.

## 7. Offerta tal-Pannelli Fotovoltajici

Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li hija kienet iċċekjat mas-segretarju precedenti li ikkonfermalha li kemm l-konsulenti tal-Kunsill Econing Ltd kif ukoll l-offerenti kollha kienu gew il-Kunsill u spezzjonaw il-bejt fejn ser jitpoġġew dawn il-Panelli. Għalhekk il-Kunsill iddeċida li jimxi fuq il-parir moghti mill-Kunsulenti tiegħu u ntgħazlet l-Offerta ta' Panta Marketing Services Ltd. Is-Segretarja ser tinforma b'dan lill-imsemmi offerent biex ix-xoghol ikun jista' jsir kemm jista' jkun malajr.

## 8. Ilmenti u Sugerimenti

i. Il-Kunsill iddeċieda li l-kontijiet tat-telefon għandhom jitħallsu malli jaslu u mhux nistennew il-laqgha biex ma neħlux il-penali tal-late payment.

ii. Is-Segretarju tal-Kunsill qalet li Joseph Borg li qiegħed impjegat taħt l-iskema ta' Persuni b'Dizabilita mal-Kunsill m' għandux insurance mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jekk id-dipartiment jagħti l-Kunsill l-approvazzjoni biex issir din l-insurance, il-Kunsill għandu iħallas l-insurance tieghu.

iii. Is-Segretarja infurmat lill-Kunsill li meta xi residenti qed jingħataw materjal għall-bankini l-Kunsill qed ihallas ukoll delievery charge. Il-Kunsill iddecida li r-residenti ghandhom jigbru l-materjal huma stess mill-impjant tal-JCR, peress li r-residenti xorta waħda irridu imorru jagħmlu l-ordni hemm hekk u din ic-charge fuq numru ta residenti kienet qed tammonta ghal somma konsiderevoli.

iv. Is-Segretarja infurmat il-Kunsill li kienet irceviet konijiet għal aktar materjal ghall-korsijiet immexxija minn Radu Gheorge. Il-Kunsill iddecieda li javzah li għal din is-sena ma ghandux jixtri aktar materjal.

v. Is-Segretarja infurmat lill-Kunsill li l-photocopier ghandha bzonn manutenzjoni estensiva. Il-Kunsill iddecieda li għandhom jingabru stimi dwar l-ispiza tal-manutenzjoni, l-ispiza ghall-xiri ta' photocopier gdida, u l-ispiza għall-kirja tal-photocopier. B'hekk il-Kunsill ikun f'posizzjoni li jiddeciedi x'inhu l-ahjar li jsir f'dan ir-rigward.

## 9. Kors tal-Accounts

Il-Kunsill irċieva li ser ikun hemm kors tal-accounts minn 3A Accounts Ltd ghall-haddiema tal-Kunsilli. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jintbgħatu s-Segretarju

Ezekuttiv u l-Assistant Principal peress li dawn l-iskali għandhom funzjonijiet ta' Accounts ukoll.

**10. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti

**11. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fl-10:00p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |